

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 202/2014

tat-3 ta' Marzu 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 12(6) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastik ("il-lista ta' sustanzi awtorizzati tal-Unjoni").
- (2) Fl-24 ta' Lulju 2012, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ħarġet evalwazzjonijiet xjentifiċi favorevoli għal żewġ sustanzi oħrajn, jiġifieri għat-2-fenil-3,3-bis(4-idrossifenil)ftalimidin <sup>(3)</sup> u għall-1,3-bis(iżosijanatometil)benżen <sup>(4)</sup>. Dawn is-sustanzi issa jridu jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi awtorizzati tal-Unjoni bħala s-sustanzi ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel bin-Nri 872 u 988.
- (3) L-evalwazzjoni xjentifika tas-sustanza tal-materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel Nru 988 uriet li l-migrazzjoni tal-prodott tal-idroliżi ta' din is-sustanza, jiġifieri l-1,3-benzendimetanamin, għandha tiġi kkontrollata. Il-1,3-benzendimetanamin diġà huwa awtorizzat bħala s-sustanza ta' materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel Nru 421. Minħabba li l-migrazzjoni tas-sustanzi tal-materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel bin-numri 421 u 988 hija kkontrollata abbażi tas-sustanza ta' materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel Nru 421, għandha tiddaħħal restrizzjoni tal-grupp li tinkludi ż-żewġ sustanzi. Għalhekk, l-awtorizzazzjoni tas-sustanza ta' materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel Nru 421 għandha tiġi emendata u fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 għandha tiddaħħal restrizzjoni tal-grupp.
- (4) Is-sustanza ta' materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel Nru 340 (disijanodiamid) hija awtorizzata bħala addittiv fl-oġġetti

tal-plastik skont it-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 mingħajr limitu ta' migrazzjoni speċifika. L-Opinjoni rrappurtata fit-33 serje tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel <sup>(5)</sup> stabbilixxiet doża tollerabbli ta' kuljum ta' milligramma għal kull kilogramm tal-piż tal-ġisem li wasslet għal limitu ta' migrazzjoni speċifika ta' 60 milligramma għal kull kilogramm ta' ikel. Dan il-limitu huwa l-istess bħal-limitu ġeneriku ta' migrazzjoni speċifika stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 10/2011. Madankollu, minħabba li l-limitu ta' migrazzjoni speċifika ta' 60 mg/kg ġej minn limitu tossikoloġiku bħalma hija d-doża tollerabbli ta' kuljum, il-limitu ta' migrazzjoni speċifika għandu jissewma b'mod speċifiku fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011.

- (5) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-operaturi tan-negozju, il-materjali u l-oġġetti tal-plastik li jkun qiegħdu b'mod legali fis-suq abbażi tar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) Nru 10/2011 u li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq sal-24 ta' Marzu 2015. Dawn għandhom ikunu jistgħu jibqgħu fis-suq sa ma jispiċċaw l-istokkijiet tagħhom.
- (6) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 10/2011 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 għandu jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Il-materjali u l-oġġetti tal-plastik li jkun qiegħdu b'mod legali fis-suq qabel l-24 ta' Marzu 2014 u li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament jistgħu jitqiegħdu fis-suq sal-24 ta' Marzu 2015. Dawk il-materjali u oġġetti tal-plastik jistgħu jibqgħu fis-suq wara dik id-data sa ma jispiċċaw l-istokkijiet tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1).

<sup>(3)</sup> The EFSA Journal 2012; numru ta' referenza 10(7):2825.

<sup>(4)</sup> The EFSA Journal 2012; numru ta' referenza 10(7):2824.

<sup>(5)</sup> Il-paġna 31 tat-33 serje ta' rapporti tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel ippubblikata fl-1995 mill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, bin-numru tal-ISBN 92-826-9275-2.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2014.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) It-Tabella 1 hija emendata kif ġej:

(a) l-annotazzjoni dwar is-sustanza FCM Nru 340 (disijanodiamid) hija mibdula b'dan li ġej:

"340	47440	0000461-58-5	disijanodiamid	Iva	Le	Le	60"		
------	-------	--------------	----------------	-----	----	----	-----	--	--

(b) l-annotazzjoni dwar is-sustanza FCM Nru 421 (1,3-benzendimetanamin) hija mibdula b'dan li ġej:

"421	13000	0001477-55-0	1,3-benzendimetanamin	Le	Iva	Le		(34)"	
------	-------	--------------	-----------------------	----	-----	----	--	-------	--

(c) l-annotazzjoni li jmiss għandha tiddaħħal skont l-ordni numerika:

"872		0006607-41-6	2-fenil-3,3-bis(4-idrossifenil)ftalimidin	Le	Iva	Le	0,05		Għal użu biss bħala komonomeru f'kopolimeri tal-polikarbonat	(20)"
------	--	--------------	---	----	-----	----	------	--	--	-------

(d) tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

"988		3634-83-1	1,3-bis(iżosijanatometil)benżen	Le	Iva	Le		(34)	Japplika limitu ta' migrazzjoni speċifika totali għall-migrazzjoni tal-prodott tal-idroliżi ta' din is-sustanza, jiġifieri l-1,3-benzendimetanamin, Għal użu biss bħala komonomeru fil-manifattura ta' kisi tas-saff nofsani fuq films magħmula minn polimeri tal-poli(etilen tereftalat) f'films b'ħafna saffi"	
------	--	-----------	---------------------------------	----	-----	----	--	------	---	--

(2) Fit-Tabella 2 qed tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

"34	421 988	0,05	Mogħti bħala 1,3-benzendimetanamin"
-----	------------	------	-------------------------------------

(3) Fit-Tabella 3 qed tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

"(20)	Is-sustanza fiha l-anilina bħala impurità; għandha ssir verifika tal-konformità mar-restrizzjoni stabbilita fl-Anness II(2) rigward l-ammini aromatiċi primarji."
-------	---